MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 2130/2002

**Avviz Numru 2130/02 AJD**

**UCIM Co. Limited**

**vs**

**Joseph Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hames mija u tlettax –il lira Maltin (Lm513.00) rappresentanti import ta' tmien kambjali, wahda ta' Lm23.00 (bilanc), u sebgha ta' Lm70.00 –il wahda, debitament accettati u skaduti minn Frar 2002 sa Settembru 2002 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 8.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sat-3 ta’ Settembru 2002 jammontaw ghal Lm10.00, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta’ Mejju 2002 kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Neville Camilleri in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ hames mija u tlettax –il lira Maltin (Lm513.00) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta’ Mejju 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**